Minuti tat-23 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 11 ta' Gunju, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.40pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Shirley-Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

Emanuel Muscat kien informa li ma' setghax jattendi peress li ma kienx jiflah u ghalhekk kien qieghed jigi skuzat.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-22 laqgha

**1.1** Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

Is-Sindku laqa' lil Anthony Camilleri li kien ghadu kif kien gie elett minn elezzjoni kazwali u awgura hidma fejjieda flimkien ghall-gid tal-lokalita'. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jgħaddi l-ligi u l-proceduri tal-laqgha lis-Sur Camilleri.

## 2.0 Offerti

2.1 Gew miftuha l-offerti tal-Patching. F'dawn l-offerti jidher li hemm xi differenzi fil-prezzijiet. Gie ghalhekk deciz li dawn ghandhom jghaddu lil Perit Scerri sabiex jezamina u jaghti l-parir tieghu f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ghandu imexxi skond il-parir tal-Perit.

## 3.0 Festa 2014

3.1 Is-Sindku spjega li ghall-festa ser ikun hawn bhas-soltu gheluq tat-toroq u ghalhekk bhas-snin precedenti inhareg in-*no objection* ghall-immanigjar tat-traffiku lill-Kumitat tal-Festa.

Apparti minnhekk il-Kunsill ser jiehu hsieb jiffinanzja l-Infiorata li kif diga gie diskuss ser tkun qeghda tigi ippreparata mill-Kumitat tal-Festa. Il-Kunsill ser ikun qed johrog il-Permessi tal-Kiosks bhas-soltu.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Arcipriet kien qed talab li l-Kiosks li jkun hemm fil-Pjazza ghandhom jitnehhew. Saret diskussjoni fejn gew diskussjoni diversi postijiet fejn jistghu jitpoggew u saret ukoll telefonata lill-Arcipriet fejn dan insista li m'ghandhomx jitpoggew fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jitpoggew il-

Gimgha u l-Hadd fil-Pjazzetta fejn ic-Centru Parrokkjali u s-Sibt mill-Club tal-Football l-isfel.

Giet diskussa il-*one way* li is-soltu titwahhal f'Triq il-Vizitazzjoni kantuniera ma' Triq il-Knisja sabiex it-traffiku ma jinzilx lejn il-Pjazza minhabba l-armar tal-festa. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku spjega li s-Sur Michael Bajada kien qed jitlob sabiex id-disinni ta' l-Infiorata jinghataw lill-Parrocca biex jigu ezebiti fil-Muzew tal-Parrocca. Saret diskussjoni fit-tul fejn il-Kunsill sahaq li dawn huma propjeta' tal-Kunsill peress li huwa jiffinanzja u jikkummissjona l-Infiorata u ghalhekk dawn ghandhom jew jinghataw pero' jigi imnizzel li huma propjeta' tal-Kunsill jew inkellha isiru kopji u l-originali jinzammu l-Kunsill. Huwa ghalhekk li ghandha tinkiteb ittra lill-Arcipriet f'dan ir-rigward.

Gie spjegat ukoll li din is-sena l-Infiorata qeghda tinhadem fis-Sala Parrokkjali peress li l-Iskola talbet il-flus sabiex tintuza s-sala.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Arcipriet stieden lill-Kunsilliera ghall-Quddiesa tas-Sibt filghodu fejn wara ser issir l-inawgurazzjoni tar-rampa il-gdida kif ukoll ghall-Quddiesa Pontifikali tal-Hadd tal-Festa filghodu. Huwa talab sabiex sa' l-ahhar tal-Gimgha jinfurmaw lill-Kunsill jekk humiex ser jattendu jew le.

**4.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

4.1 Is-Sindku spjega li sar ix-xoghol li kellu jsir f'Triq Dun Alwig kantuniera ma' Triq Virtu' mill-Enemalta sabiex jghaddu l-cable u issa ser isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex issir il-bankina quddiem ir-residenza ta' Debrincat.

4.2 Carmen Vella staqsiet dwar jekk l-iscaffolding tal-Kampnar hux ser jizzarma ghall-festa. Gie spjegat li minhabba l-andament tax-xoghol mhux ser ikun possibli li dan jizzarma.

4.3 Is-Sindku spjega ukoll li l-Progett tal-M323 gie estiz sa' l-14 ta' Awissu. Gie spjegat ukoll li ghada ser issir laqgha mall-kuntrattur sabiex jigi diskuss l-andament tax-xoghol. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx possibli li jsir it-tieni kampnar ser issir iz-zebgha u dawl fil-koppla sabiex ma jintilfux il-fondi.

Carmen Vella staqsiet jekk it-toqob li kien hemm fuq iz-zuntier tad-dawl ghandhomx miftuhin. Gie spjegat li twahhal id-dawl u ghalhekk it-toqob inghalqu.

**5.0 Jum l-Gharb 2014**

5.1 Saret diskussjoni dwar Jum l-Gharb li ghal din is-sena ser jahbat il-Gimgha. Kien deciz li ghal din is-sena ghadu issir kuncert mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u bil-partecipazzjoni mit-tfal tas-Summer Club. Il-compare ghandu jkun Joe Chetcuti u ssir poezija minn Lorna Cassar ta' l-okkazjoni. Fir-rigward ta' certifikati minflok jitqassmu bhas-soltu peress li ma jigux ghax parti minnhom ikunu jaghmlu summer job l-compare ghandu jaqra il-lista u jingabru wara mill-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qabel li ghandhom jintbghatu ittri lill-Kumitati Lokali minhabba l-awards li jitqassmu waqt Jum l-Gharb. Fir-rigward ta' l-Gharb Gozitan Cultural Award ghandhom jigu nominati tfal li hadu sehem f'song festivals internazzjonali barra minn Malta jew f'xi konkors ta' fama internazzjonali.

5.3 Saret diskussjoni dwar il-possibilita' li jsir trophy uniku li jkun tal-Kunsill u li jinghata f'okkazzjonijiet simili ghal Jum l-Gharb. Is-Sindku talab lill-membri sabiex jahsbu ftit u jghaddu s-suggerimenti taghhom. Sar qbil li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet ghal arma tal-Kunsill f'diversi qisien tal-fidda fejn wara tkun tista' issir plakka ta' l-okkazjoni.

**6.0 Skeda ta' Pagamenti**

6.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata u ffirmata mill-membri kollha prezenti.

**7.0 Korrispondenza u materji ohra**

7.1 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 4/2014 – Skema ta' Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilita' ta' Librerija Lokali fejn giet approvata s-somma ta' €200 f'ghajnuna ghal-librerija lokali.

7.2 Minghand l-Universita' ta' Malta fir-rigward ta' programme ta' studji fl-Arti u Xjenza.

7.3 Minghand id-Direttorat ghas-Sahha Ambjentali fir-rigward ta' problema ta' *leakage* tad-drenagg fi Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega li dan ir-rapport sar lill-Water Services Corporation sabiex jiehdu hsieb isolvu l-problema.

7.4 Minghand il-Building Industry Consultative Council fir-rigward tar-Rapport Annwali.

7.5 Minghand il-MEPA fir-rigward ta' Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA1512/14 u PA1537/14.

7.6 Minghand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' b'Appell lill-Kunsilli Lokali dwar it-tizjin tal-armar tal-festa.

7.7 Minghand Stella Maris College fejn ser inkunu qeghdin jaghtu donazzjoni lill-Kunsill ta' ktejjeb fuq Ghawdex u Kemmuna li sar mill-istudenti ta' dan l-imsemmi kullegg.

7.8 Minghand l-ETC dwar korsijiet li jistghu jsiru bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill.

7.9 Is-Sindku spjega li l-haddiem tal-Kunsill Giovann Camenzuli kien qieghed jaghmel xoghol fil-Berga. Peress li jridu isiru l-aperturi l-Kunsill qabel li jara l-possibilita' li jinstabu sponsors li jkunu jistghu jghinu. Is-Sindku qal li fil-passat kien hemm kopja barranija li kienet toqod l-Gharb fejn il-mara kienet interessata li tuza l-berga sabiex isiru messaggi.

7.10 Carmen Vella semmiet li residenta Salvina Bajada kellha problema ta' ilma diehel minn taht il-post. Din il-problema jidher li inholqot meta l-girien tal-post ibblukkaw culvert ta' l-ilma. Dan kien passagg li kien jaghti ghal go l-eghlieqi. Is-Sindku spjega li peress li din hija triq arterja trid tinkiteb ittra mis-sidien lill-Ministeru ghal Ghawdex u wara ssir laqgha fuq il-post. Carmen Vella qalet li huwa importanti li dan ix-xoghol isir fis-sajf pero' is-Sindku qal li jekk huwa xoghol ta' problema fil-privat u dan ghaliex ghaddej minn taht id-djar il-Kunsill ma jista' jesegwixxi xoghol privat.

## 8.0 Kontinwazzjoni Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti

8.1 Fir-rigward tax-xogholijiet fuq is-Shelter issa wasal il-pavimentar u ser jinbeda' x-xoghol ta' twahhil tieghu. Is-Sindku issugerixxa sabiex il-ftuh tieghu ikun amalgamat ma' Jum l-Gharb.

8.2 Is-Sindku spjega ukoll li x-xogholijiet fuq il-bolavostri tal-Knisja inbeda' u ghaddej.

8.3 Fir-rigward tax-xogholijiet fuq il-football ground u l-walking track, is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jigi mitlub mill-Managing Authority sabiex jipprocedi u jehles mix-xogholijiet. Is-Sindku spjega li qed jintalab appuntament mall-Gozo Football Association minhabba x-xogholijiet li ser isiru min-naha taghhom.

8.4 Fir-rigward tad-dawl tac-Cimiterju, l-Kunsill qieghed jahdem fuqha mall-MEPA biex titranga.

8.5 Fuq ix-xogholijiet ta' Wied ir-Raghab is-Sindku spjega li l-Kuntrattur qabel li jnaqqas l-ammont skond il-budget li ghandu available u fih jinkludi l-Management Fee.

8.6 Is-Sindku spjega li kellu appuntament mall-Perit Edward Scerri fir-rigward tal-kontijiet tat-toroq Trux u l-Knisja. Dawn ser ikunu maqsuma f'xogholijiet relatati mall-PPP u extras li saru minhabba l-istabilita' tax-xoghol u xoghol iehor relatat mall-culvert u extras li inqalghu mall-esekuzzjoni tax-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu izomm tal-ammont ta' garanzija peress li qed ikun hemm problema ghat-tigdid taghhom.

8.7 Is-Sindku spjega li minhabba li kif kien previst meta sar l-ftehim dwar il-PPP tat-toroq l-finanzi ghat-tlett snin li gejjin il-Kunsill ser ikun jidher li qieghed f'defecit. Il-Kunsill ma sabx oggezjoni peress li dan huwa xoghol ta' titjib li ser tgwadi minnu il-Komunita' u l-lokalita' kollha.

8.8 Fir-rigward tal-haddiema tal-Kunsill gie spjegat li dawn ghandhom skeda ta' fejn iridu inaddfu kuljum. Gie spjegat li l-mutur li jaqta' l-haxix inkiser. Kien spjegat li hemm bzonn li dan ix-xoghol issir u ser jinsab kuntrattur biex jaqta' l-haxix bil-mutur u wara jingabar mill-haddiema.

8.9 Is-Sindku spjega li intalabu kwotazzjonijiet ghat-tindif ta' wara l-festa lil KIP Ghawdex Ltd fejn dan ma issottomettix offerta', Godfrey Borg ghall-ammont ta' €2,840.00 u Salvu Cilia ghall-ammont ta' €1200.00. Il-Kunsill qabel ma' l-irhas kwotazzjonili kienet ta' Salvu Cilia.

8.10 Saret diskussjoni dwar l-iskeda ta' gbir ta' skart tas-Sajf fejn il-Kunsill qabel li ghandu jinhareg avviz li jindika li l-Iskeda tal-gbir ser tidhol fis-sehh mill-gimgha d-diehla. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jinhargu l-avvizi fejn jindikaw meta mhux ser ikun hawn servizz ta' open skip kif ukoll avviz biex isir kors ghal-licenzja tad-dghajsa.

8.11 Saret diskussjoni fir-rigward ta' Seher il-Punent fejn is-Sindku issugerixxa li dan isir bejn Settembru u Ottubru. Is-Sindku spjega ukoll li kellu laqgha ma' Jason Micallef ta' Valletta 18 fejn tkellem mieghu dwar ghajnuna li qed jinghataw minn dan il-kumitat ghall-promozzjonijiet tradizzjonali. ~~Huwa~~ Is-Sindku issugerixxa ukoll sabiex issir laqgha ma' l-Ghaqdiet / Kumitati Lokali bhala brainstorming fuq attivitajiet ta' natura tradizzjonali.

Is-Sindku kompla jispjega li giet sottomessa applikazzjoni mall-Gozo Action Group fir-rigward ta' Festival tad-Dulliegh.

Lura fuq Seher il-Punent is-Sindku issugerixxa li l-ahjar li dan jigi organizzat mis-Sibt filghaxija sal-Hadd filghodu. Jason Micallef qal li ma jaqbilx li dawn il-festival ikunu relatata ma' Guniess World Records.

Is-Sindku spjega ukoll li l-gbejna li kienet issir mhux ta' min jerga' jaghmilha ghaliex minhabba l-qies taghha din m'hiex qeghda isservi minn sena ghal ohra.

Is-Sindu issugerixxa li jsir xi haga bhal ma huwa festival tal-bizzilla u jigu mistiedna persuni li jahdmu dan ix-xoghol kemm dawn lokali kif ukoll dawk barranin. L-ideja tkun li l-Pjazza tar-rahal timtlela' bix-xogholijiet simili li jkunu ghaddejjin u li jattiraw in-nies.

8.12 Carmen Vella issugeriet li jsiru bins fit-toroq principali fejn ikun hemm il-Bus Stops minhabba l-persuni li jkunu jistennew il-buses.

8.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tigi sottomessa applikazzjoni ohra mall-Gozo Action Group li kienet titrattata l-rijabilitazzjoni ta' Wied ta' Gulja u refurbishment tal-Belveder. Peress li z-zmien huwa limitat hafna u jridu jinkisbu approvazzjonijiet ta' DNO's mill-MEPA f'kaz li dawn ma jilhqux jaslu l-Kunsill qabel li japplika biss ghar-rijabilitazzjoni ta' hitan tas-sejjieh.

8.14 Carmen Vella staqsiet dwar it-tabelli ta' Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega li saret talba ghall-kwotazzjoni taghhom. Gie spjegat ukoll li r-Regjun ta' Ghawdex kienet qieghed jaghmel tabelli ta' postijiet ta' interess madwar il-gzira.

8.15 Gew murija il-bollards minghand id-ditta Mquip u proposti li jitpoggew fil-pjazza madwar l-arlogg tax-xemx. Il-Kunsill qabel mal-proposta u dawn ghandhom ikun installati immedjatament.

## 9.0 Aggornament

9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 16 ta' Lulju, 2014.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 6.45pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv